MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 281/2012

**Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**
**vs**
**Sol Suncrest (C-8643)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Suncrest Hotels p.l.c. (C-8643) pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Awissu, 2012 fejn talbet lil din il-Qorti:

*"Illi permezz tal-prezenti, is-socjeta' rikorrenti qieghda topponi it-talba tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni kif kontenuta fl-ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju 2012 (Itt. Uff Nru. 1858/2012), liema oppozizzjoni qieghda ssir ai termini ta' l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi in via preliminari, kwantu l-ammont reklamat qieghed jigi kontestat, l-azzjoni tad-Direttur hija in parte jew in toto*

*preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(g) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti m'ghandha taghti ebda ammont Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni; illi mid-dokumenti ezibiti mill-istess, inkluz id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, jirrizulta illi l-ammont reklamat qieghed jigi mitlub ghal perjodu ta' zmien meta l-licenzja in kwistjoni kienet ex admissis gja ghalqet, u cioe' mill-31 ta' Dicembru 2010 il-quddiem.*

*Illi ukoll minghajr pregudizzju id-Direttur ma forna ebda dettal u ma wera' ebda trasparenza ta' kif wasal ghall-ammont reklamat, ghaldaqstant qieghda ssir id-debita riserva ghal eccezzjonijiet u difizi ulterjuri.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, is-socjeta' rikorrenti titlob bil-qima illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-pretensjonijiet tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni bhala nfondati ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 u tal-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti bil-ligi."*

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Awwissu 2012 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar it-3 ta' Settembru 2012.

Rat illi fit-3 ta' Novembru 2012 l-avukat difensur u r-rikorrenti ma dehrux u l-avukat difensur ta' l-intimat ddikjarat li kienet ghadha ma gietx notifikata bir-rikors promotur u ghalhekk ir-rikors gie differit ghas-7 ta' Settembru 2012.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2012 dehru l-partijiet u l-intimat talab zmien sabiex jirrispondi ghar-rikors u l-Qorti akkordat zmien sal-10 ta' Settembru 2012 in vista tal-fatt li hija kienet marbuta bit-terminu sabiex taghti is-

sentenza taghha u ddiferiet il-kawza ghal nhar l-10 ta' Settembru 2012.

Rat ir-risposta preliminari tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni prezentata fl-atti nhar l-10 ta' Settembru 2012 fejn eccepixxa is-segwenti:-

"*Illi permezz ta' rikors datat 13 ta' Awwissu 2012 is-socjeta' rikorrenti qeghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba tal-esponent ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, hames mija, erbgha u tletin Ewro u erbghin centesmu (€4,534.40) dovuta bhala hlas f'arretrati ta' licenzja WT/019/1988 li saret fil-konfront taghha bhal wahda infondata ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12 u tal-ligi.*

*Illi in linea preliminari l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkoregi l-isem tas-socjeta' rikorrenti kif jidher fl-ittra ufficcjali in konestazzjoni kif ukoll kull fejn jidher fl-atti tal-kawza odjerna u tibdlu minn Sol Suncrest (C-8643) ghal Suncrest Hotels p.l.c (C-8643) stante li evidentement u anke kif jirrizulta mill-Company number ir-riferenza hija ghall-istess kumpanija.*

*Illi in oltre u ukoll in linea preliminari, in vista tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, wara verifiki li ghamel l-esponent, huwa qieghed kontestwalment mar-risposta odjerna jipprezenta nota ta' riduzzjoni fil-kawza fl-ismijiet premessi sabiex permezz taghha jirriduci l-ammont dovut ghall-ahhar hames snin ta' qabel ma intbaghtet l-ittra ufficcjali 1858/2012 jigifieri ghal elf, seba' mija, sebgha u tmenin Ewro u sebgha u sittin centesmu (€ 1,787.67).*

*Illi subbordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talba ta' l-esponent ghall-hlas tal-arretrati tal-licenzja in kwistjoni kif prezentement ridotta hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet segwenti:*

*Illi li l-licenzja tar-rikorrent ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2000 ma ittellef xejn lid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi milli jitlob ghall-hlas dovut tal-arretrati tal-licenzja ghall-perijodu*

*sussegwenti ghall-imsemmija data ta l-gheluq li qieghed jigi esbit fid-dettall f'dokument B.*

*Illi d-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi jagixxi a bazi ta' Att XVII 2000 li barra li jhassar l-Att Dwar ir-Radjokomunikazzjoni Kap 49, ghal certi aspetti zammu in vigore u fost l-ohrajn fl-Artikolu 2 (3) tieghu jghid li – Minkejja d-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, l-Att Dwar ir-Radjokomunikazzjoni ghandu jibqa' fis-sehh ghal fini ta' kull procediment mibdi jew li ghad irid jinbeda dwar kull ksur ta' dak l-Att jew ta' kull regolament maghmulin tahtu meta jidhol fis-sehh dan l-artikolu.*

*Illi l-Artikolu 3 (1) tal-Kap 49 kien jghid :- "Bla hsara ghad-disposizjoni tal-artikolu II ebda persuna m'ghandha minghajr ma jkollha licenzja individwali mghtoija bil-miktub mill-Ministru, taghmel tixtri tbigh jew ikollha fil-pusess taghha jew taht il-kontroll taghha ebda apparat".*

*Illi s-suespost artikolu 3 ifisser anke jekk ghall-argument licenzja tkun ghalqet u jkun fadal il-pussess tal-apparat tar-radjokomunikazzjoni f'idejn il-licenzjat, bhal fil-kaz tar-rikorrent, il-hlas dovut tal-arretrati tal-licenjza ghal perijodu sussegwenti ghall-imsemmija data ta' l-gheluq jibqa' fis-sehh.*

*Illi mill-2010 lil hawn, ir-Radjokomunikazzjoni bdiet taqa' taht l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici Kap 399 li ma jesigix licenzja ghall-pussess ta' apparat ta' radjokomunikazzjonji u baqa' ma ghamel l-ebda dikjarazzjoni jew affidavit lill-Awtorita' sabiex iwaqqaf l-uzu jew l-installazzjoni tal-apparat tar-radjokuminikazzjoni li huma soggetti ghall-licenzja taht Kap 399 u ghalhekk l-arretrati mill-2010 sal-2011 huma dovuti ukoll mill-applikant lill-Awtorita (Dok C)".*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jikkonferma it-talba tal-esponent fl-ittra ufficcjali 1858/2012 ghall-hlas tas-somma kif ridotta ghas-somma ta' elf, seba' mija u sebgha u tmenin Ewro u sebgha u sittin centesmu (€1,787.67) u*

*tichad il-bqija tat-talbiet tas-socjeta 'rikorrenti bl-ispejjez a karigu ta' l-istess socjeta'."*

Rat in-nota ta' riduzzjoni tad-Direttur Ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura Trasport u Komunikazzjoni prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar 1-10 ta' Settembru 2012 li permezz taghha b'referenza ghall-Ittra Ufficcjali Numru 1858/12 tad-19 ta' Lulju 2012 fl-ismijiet 'Id-Diretttur ghas-Servizzi Korporattivi vs Sovereign Hotels Limited (C 10538)' huwa irriduca it-talba tieghu ghall-hlas ta' arretrati tal-licenzja WT/0199/1988 mis-somma ta' erbat elef, hames mija erbgha u tlein Ewro u erbghin Ewro centesmu (€4,534.40) ghas-somma ta' elf, seba' mija, tmienja u sebghin Ewro u sebgha u sittin Ewro centesmu (€1,787.67).

Semghet ix-xhieda prodotta u cioe' lil Mario Mercieca rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom l-korrispondenza li giet esebita minn Mario Mercieca.

Ikkunsidrat:

Ili nhar l-10 ta' Settembru 2012 xehed **Mario Mercieca** ghan nom u rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti. Muri d-dokument esebit f'dawn l-atti u immarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH jikkonferma li fuqu hemm immarkat numru ta' ingenji, li ghandhom x'jaqsmu mall-kommunikazzjoni. Mistoqsi jekk jaghrafx dan id-dokument, ighid li iva, li huwa l-istess dokument li gie mibghut lilhom mid-dipartiment intimat. Jikkonferma li huwa m'ghandu l-ebda records li dawn l-ingenji ghadhom jintuzaw fil-lukanda minnu rapprezentata. Jghid li ilu jahdem mas-socjeta' rikorrenti minn Novembru 2007. Illum il-gurnata pero' jokkupa il-kariga ta' Financial Controller. Mistoqsi jekk jafx xejn dwar dawn l-oggetti jghid li mir-ricerka li ghamel jikkonferma li ma jirizultax li dawn l-ingenji effettivament qed jintuzaw mis-socjeta' rikkorenti.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk qattx ra dawn l-ingenji, jghid li le lanqas jista' jghid li qatt rahom. Spjega li s-sistema li

juzaw huma hija dik ta’ uzu ta’ mobile phones. Jghid li ilu Financial Controller minn Lulju/Awissu 2008. Mistoqsi mill-Qorti kemm ilhom juzaw mobile phones fil-lukanda, jghid li ilhom juzawhom minn 1995. Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament kienx ircieva xi korrespondenza minghand id-dipartiment qabel ma’ ircieva l-ittra ufficcjali mertu tar-rikors, ighid li effettivament kien ircieva u sahansitra kien wegibha permezz ta’ email, li hija id-dokument li esebixxa u mmarkata bhala Dokument CSH. Jaf li l-ittra in kwistjoni giet mibghuta lill Malta Communications Authority, mentre s-socjeta’ intimata hija d-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi jinghad minnufih li ir-rikorrenti f’dan ir-rikors mhux l-istess persuna li hemm imsemmija fl-ittra ufficcjali prezentata mill-intimat nhar id-19 ta’ Lulju 2012 (fol. 3) u dan ghaliex filwaqt li ir-rikorrenti odjern huwa Suncrest Hotels p.l.c fl-ittra ufficjali l-intimat huwa Sol Suncrest (C-8643). Illi fil-fatt fir-risposta tal-intimat ghar-rikors promotur, l-intimat talab korrezzjoni f’isem ir-rikorrenti fis-sens li l-isem Sol Suncreest (C-8463) jigi kancellat u sostitwit bl-isem ta’ Suncrest Hotels Plc (C-8463) u dan fl-atti kollha ta’ dan ir-rikors kif ukoll fl-ittra ufficcjali prezentata nhar id-19 ta’ Lulju 2012. Jinghad ukoll li s-socjeta’ rikorrenti fir-rikors promotur taghha kienet ssolevat dan in-nuqqas min naha taghha pero’ fit-trattazzjoni li l-partijiet ghamlu dwar ir-rikors promotur dan l-ilment ma giex indirizzat u ghalhekk jispetta lill-Qorti taghti il-fehmiet taghha dwar dan ir-rigward.

Illi fl-eccezzjonijiet tieghu l-intimat talab korrezzjoni fl-atti odjerni kif ukoll fl-ittra ufficcjali fuq imsemmija li dwarha sar dan ir-rikors.

**L-Artikolu 175(1) tal-Kap 12** jipprovdi s-segwenti:

*“Il-Qorti tista’, f’kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta’ waħda mill-partijiet, wara li tisma’ meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew*

*<u>tippermetti tibdil fl-iskritturi(sottolinear ta din il-Qorti) ,</u> sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew leċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża".*

Illi din il-Qorti ma tkunx qeghda tghid xi haga gdida meta tafferma li tant fid-dottrina kemm fil-gurisprudenza nostrali u estera, dejjem gie ritenut li kemm jista' jkun u sa fejn hu permess l-atti ghandhom jigu salvati, *anzicche* annullati, jew dikjarati nulli. Lanqas jista` jigi negat li l-gurisprudenza taghna applikat certa liberalita' ghal dan il-hsieb. Konsoni ma' dan li qeghda tghid il-Qorti kien il-hsieb tal-Legislatur meta fl-1995 issostitwixxa l-**Artikolu 175 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** u dahhal minfloku l-**Artikolu 175** vigenti.

Illi fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Paul Spiteri vs Francis Spiteri'</u>** (Cit. Nru. 2378/97 RCP) deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' April, 1999 inghad illi:

*"fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-konvenut seta` kellu ragun, dwar ir-rigorozita' tal-ligi, meta per zball mill-attur, kif jidher li sar f'din il-kawza, kieku l-Artikolu 175 baqa' kif kien qabel l-emendi li saru inter alia fl-istess artikolu bl-Att XXIX ta' l-1995."*

Illi pero' jinghad li l-korrezzjonijiet li sa issa jistghu isiru huma dawk fl-atti tal-kawza biss u fil-fatt huma ukoll hafna iktar ampji minn dawk permessi qabel is-sena 1995, u dawn kollha ntizi sabiex jirrendu l-ligi effikaci u immirata ghall-gustizzja sostantiva fuq il-mertu tal-kaz, u ghalhekk aktar vicin il-kwistjoni fil-mertu, minflok dak il-formalizmu u rigorozita' fil-procedura esagerata, li jirrendu l-procedura superjuri ghas-sustanza u kwindi loghba gudizzjarja li tissupera l-obbjettiv u nnukleu tal-ligi sostantiva li fiha nnifisha ggib reazzjoni tal-gustizzja.

Fil-fatt dan ma huwa xejn hlief promulgazzjoni ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qorti nostrali, fejn naqra naqra dahlet kultura soda u kostanti kontra l-formalizmu stringenti, li kien qed jirrendi l-procedura suprema fuq il-ligi sostantiva, u b’tali sentenzi, illum sanati bil-promulgazzjoni ta’ l-emendi tas-sena 1995, sanaw il-pozizzjoni logika li l-ligi tal-procedura hija intiza biss sabiex isservi biex jintlahaq il-grad necessarju ta’ gustizzja fil-ligi sostantiva, u ghalhekk il-ligi tal-procedura hija biss l-ghodda biex jintlahaq tali skop, u mhux il-finalizzazzjoni tal-istess (‘**Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et’,** P.A. (RCP) – Citazzjoni Numru 831/97/RCP, deciza fit-28 ta’ Ottubru 1998).

Illi pero’ f’dan il-kaz is-sitwazzjoni hija differenti ghal kollox u dan ghaliex il-Qorti illum hija rinfaccjata b’att (Ittra Ufficcjali) li huwa gja null u dan ghaliex gie prezentat fil-konfront ta’ persuna guridika inezistenti. Illi dan ir-rikors li gie prezentat fl-atti ta’ dak l-itra ufficcjali li hu null ma jista’ qatt jintuza sabiex jissana dak l-att u ghalhekk it-talba tal-intimat f’dan ir-rigward li l-Qorti tawtorizza korrezzjoni fl-ittra ufficcjali ma ssibx soljev taht l-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Kieku din il-Qorti kellha tawtorizza korrezzjoni bhal din tkun qed tissana att b’mod retroattiv, haga li ma tistax taghmel.

Fil-fehma tal-Qorti, t-talba tal-intimat sabiex jigu regolarizzati l-atti tar-rikors, skond l-**Artikolu 175 tal-Kap 12**, in virtu’ ta’ dak li intqal aktar ‘il fuq ukoll ma jistghux isiru u dan ghaliex ir-rikors odjern gie prezentat fl-atti ta’ dik l-ittra ufficcjali u cioe’ fl-okkju bl-ismijiet ‘**Direttur Ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni vs Sol Suncrest (C-8643)** u ghalhekk lanqas l-okkju ta’ dan ir-rikors odjern ma jista’ jinbidel bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12. Ma tistax din il-Qorti tilqa’ it-talba tal-intimat sabiex issir il-korrezzjoni fl-Ittra Ufficcjali li kienet giet prezentata quddiem Qorti ohra u li illum ghalhekk mhix pendenti quddiemha. Din il-Qorti bil-proceduri odjerni ma tistax tissana ittra ufficcjali fejn qed jintalab korrezzjoni f’isem l-intimat hemm indikat. L-intimat ghandu per forza jipprezenta ittra ufficcjali ohra jekk

jixtieq jigbor id-debitu allegatament dovut lilu. Ma jistax permezz ta' din il-procedura jissana dik l-irregolarita.

**Konsegwentement stante li l-Ittra Ufficcjali ma tista' qatt tigi reza ezekuttiva u dan ghaliex giet prezentata kontra persuna guridika li ma tezistix, din il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol fil-mertu tar-rikors u konsegwentement tordna li l-Ittra Ufficcjali Numru 1858/2012 fl-ismijiet premessi ma tigix reza esekuttiva.**

**L-ispejjez a karigu tal-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------